MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2007

Numru 434/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Edel Mary Camilleri**
v

**IAKOB NORI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **IAKOB NORI** ta’ tletin sena bin Khalifa u Slema nee Jerru, imwieled Tripoli fis-sena 1976 u residenti 12, Triq r-Rebbiegha, Mosta, detentur ta’ passaport Libjan bin-numru 239480 gie mressaq quddiemha akkuzat:

1. talli nhar t-tlieta w ghoxrin ta’ Dicembru 2005 u fiz-zminijiet ta’ qabel, f’Malta ghamel falsifikazzjoi, biddel jew ghamel xi tibdil f’passaport jew uza jew kellu ghandu passaport li kien jaf li gie falsifikat, imbiddel jew sar tibdil fih;

2. talli fl-istess cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn sigilli, timbri jew marki u xjentement minghajr awtorita legittima kellu fil-pussess tieghu passaport li fih iffalsifika sigilli, timbri jew marki ohra li qedghdin sabiex jissigillaw, jittimbraw, jimmarkaw, jawtentikaw jew jiccertifikaw fl-isem, il-Gvern jew tal-awtoritajiet tieghu, dokumenti jew oggetti sew jekk ta' proprjeta pubbliku jew privati jew li jkunu qeghdin taht l-garanzija pubblika;

3. talli fl-istess cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat u cioe l-passaport tieghu stess.
Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat disgha ta' Mejju 2006 sabiex din l-kawza, fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputat tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha ta' Gudikatura Kriminali.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita u dan kif jirrizulta mill-ezami li sar nhar s-sbatax ta' Mejju 2006 ai termini tal-artikoli 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta [fol 31].

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni.

Semghet lil partjiet jittrattaw il-kawza fis-seduta ta' nhar t-tlieta w ghoxrin ta' April 2007.
Ikkunsidrat:

Illi nhar s-sbatax ta' Mejju 2006 **xehdet l-Ispettur Edel Mary Camilleri** [fol 32] fejn qalet li hi kienet giet infurmata mill-*personnel* tal-Immigration Office u cioe minn WPS 32 li persuna ta' nazzjonalita Libjana kien ippresenta ruhu fl-ufficju b'kopja ta' *work permit* mahrug mill-ETC kif wkoll l-passaport tieghu u x'hin dawn l-ufficjali ccekkjaw l-passaport tieghu rrizulta li l-imputat kien *overstaying*.

Spjegat li f'Awissu 2005, l-ETC kienet harget skema fejn setghu japplikaw ghal *work permit irregular*, jigifieri applikabbli ghan-nies li huma gejjin minn *third world countries* li kienu Malta irregolarment. Qalet li l-imputat kien applika taht din l-iskema li harget f'Awissu 2005 w allura kellu dak c-cans li jirregola ruhu billi jestendi l-visa tieghu u setgha b'hekk jibqa hawn Malta regolarment.

Spjegat li waqt li kienu qed jiccekkjaw l-istess passaport tal-imputat, irrizulta li f'pagna tal-passaport u cioe f'pagna 40 tal-passaport li ppresenta, li kien igib in-numru 239480, kien hemm timbru li kien suspettat li kien falz. Qalet li dan t-timbru kien jirreferi ghal CIO numru 50248 li hu relevanti mal-istess kaz tal-imputat odjern u mimli bil-partikolaritajiet u cioe li dan ghandu allegatament *extension* tal-visa sat-tmienja w ghoxrin ta' Mejju 2003. Spjegat li x'hin raw l-*file* relevanti u cioe CIO 50248 rrizulta li qatt ma kienet inghatat estensjoni tal-visa tal-imputat sat-tmienja w ghoxrin ta' Mejju 2003 w ghalhekk baghtet ghal imputat fejn hu rrilaxxja stqarrija ta' zewg faccati.

Qalet li qabel ma rrilaxxja din l-istqarrija, hi kkonsultat mal-espert forensiku tal-Korp tal-Pulizija u cioe l-Ispettur John Ellul fejn ezamina dan t-timbru w iddikjara li kien falz u fil-fatt dan tal-ahhar ghamlilha rapport dwar dan liema rapport hija esebiet bhala dokument EMC 1. Ziedet tghid wkoll li l-imputat qabel ma rrilaxxja l-istqarrija tieghu gie moghti s-solita twissija liema stqarrija hi esebiet bhala dokument EMC 2 [fol 38].

Ix-xhud ikkonfermat kemm il-firma tal-imputat, tax-xhud tal-istqarrija PS 435 David D'Amato kif wkoll dik taghha. Spjegat li f'din l-istqarrija l-imputat qal li hu kien ilu jghix hawn Malta ghal dawn l-ahhar disgha snin u jaf l-Malti tajjeb w ghalhekk ma hassitx l-htiega li tarrestah peress li kienet sodisfatta li ghandu indirizz fiss f'Malta u peress li l-iskop li hu mar l-Ufficjal tal-Immigration bil-passaport kien sabiex il-*work permit* tieghu jigi ttimbrat fuq il-passaport.

Qalet li hi pero ma setghetx taghmel hekk peress li rrizulta li t-timbru ghal estenzjoni tal-viza fuq dak l-passaport, kien suspettat falz.

Qalet li meta staqsiet lil imputat dwar t-timbru in kwistjoni, hu qalilha li ma kienx jaf meta ezatt kien sar. Qalilha li kien ikkuntattja persuna ta' nazzjonalita Egizzjana certu Josef, u hallsu sittin lira maltin biex ikun jista jghamillu dak t-timbru. Meta staqsietu ghalfejn xtaq li jkollu dak l-*endorsement* w estensjoni fuq il-passaport, l-imputat kien wegibha li peress li dak z-zmien kien qed johrog ma tfajla Maltija u kellu bzonn l-visa biex ikun jista jizzewweg. Qalet li meta staqsietu aktar fuq Josef, l-imputat qalilha li dan kien jghix f'San Pawl il-Bahar pero kien telaq minn Malta u hi baqghet mal-imputat li jekk ikollu xi hjiel ta' dan Josef kellu jikkuntattja lilha sabiex tkompli bl-investigazzjoni taghha.

In kontr'ezami x-xhud ikkonfermat li l-ETC kienu hargu skema fejn *third world country nationals* kellhom cans japplikaw ghal *work permit* f'kaz li kienu *overstaying*. Qalet li kieku ma kienx hemm dan t-timbru falz, il-probabilita hi li t-timbru tieghu kien jigi *endorsed* fis-sens li l-*work permit* li nghata kien jitnizzel fuq il-passaport tieghu w l-posizzjoni tieghu hawn Malta kienet tkun regolari fis-sens li jista jahdem b'mod regolari. Qalet li llum l-gurnata l-imputat ghandu dritt ta' hidma.

Illi nhar l-erbatax ta' Gunju 2006 **xehed PS 435 David D'Amato** [fol 42] fejn ikkonferma l-firma tieghu, dik tal-imputat presenti fl-awla kif wkoll tal-Ispettur Edel Mary Camilleri fuq l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat markata bhala dokument EMC 2 li tikkonsisti f'zewg faccati.

Illi nhar l-ghaxra ta' Lulju 2006 **xehdet WPS 32 Joyce Bonello** [fol 46] fejn meta giet murija passaport esibit fl-atti markata bhala dokument EMC 3 [fol 40] partikolarment pagna 40 tal-istess passaport, qalet li verament din il-Pulizija Bonello kienet stazzjonata l-Immigration Office pero l-firma li kien hemm fuq dan il-passaport ma kienetx taghha. Ix-xhud qalet li hi ilha tahdem f'dan l-ufficju erbatax il-sena w il-firem tal-kollegi

taghha tafhom sew. Qalet li hi kienet ghamlet ricerka fis-Central Office fejn irrizultalha li l-imputat verament kien inghata estenzjoni f'Marzu 2003 u fil-passaport tieghu tidher li hija tmienja w ghoxrin ta' Lulju 2003. Spjegat li l-estenzjoni nghatat fit-tmintax ta' Dicembru 2002 pero fuq il-passaport tidher li qeghda tmienja ta' April 2003 u ghalhekk dak li jidher fuq l-passaport huwa falz. Qalet li fis-Central Immigration Office hemm zewg persuni bil-kunjom Bonello li huma hi u kollega taghha li jisimha WPC 29 Doris Bonello li tinsab fuq *maternity leave*.

Illi nhar l-ghaxra ta' Lulju 2006 **xehed l-Ispettur John Ellul** [fol 48] fejn meta gie muri lilu l-passaport esibit fl-atti bhala dokument EMC 3 a fol 40, qal li fil-fehma tieghu hemm evidenza ta' tbaghbis. Qal li sussegwentement kien hareg xi *print out* tal-ezamijiet li hu kien ghamel fuq dan l-passaport. Meta gie muri fol 36 tal-atti x-xhud ikkonferma li dik hija fotokopja u li hu *print out* tal-ezami li sar fuq l-passaport permezz ta' strument specifikament disinjat biex jezamina *secure documents* bhal dan l-passaport. Qal li mill-ingradiment taz-zewg *print outs* esibiti a fol 36 u 37 jidher li d-dokument huwa *tampered*. Ikkonferma li dan d-dokument EMC 3 kien gie mahrug minnu stess.

Illi nhar l-ghaxra ta' Lulju 2006 **xehed Paul Aquilina** [fol 50] fejn qal li hu jahdem bhala *senior clerk* mal-ETC. Qal li minn ricerki li ghamel fuq *file* numru 117/2005 li jghajjat lil Iakob Nori jirrizulta li dan ghandu permess jahdem hawn Malta li nhareg fid-dsatax ta' Novembru 2005 u jiskadi fil-wiehed w ghoxrin ta' Dicembru 2006. Qal li l-applikazzjoni in kwistjoni kienet giet mimlija minn Bonavia mill-Mosta. Ix-xhud esibixxa dokument mahrug mill-ETC li gie mmarkat bhala ETC [fol 52]. Zied jghid li l-imputat kien applika taht xi amnestija li kienet mahruga mill-gvern.

Illi permezz ta' digriet moghti nhar l-erbgha ta' Settembru 2006, il-Qorti kienet innominat lil Martin Bajada sabiex jezamina t-timbru fuq il-passaport esibit a fol 40 b'mod partikolari l-allegata firma 'WPC 29' kif wkoll l-kaligrafija fuq l-istess pagna.

Illi nhar s-sitta ta’ Dicembru 2006 **deher Martin Bajada** [fol 58] fejn ippresenta r-relazzjoni tieghu bhala dokument MBA [fol 61].
Illi minn ezami ta’ dan r-rapport jirrizulta li l-*impression* tat-timbru f’pagna 40 tad-dokument EMC 3, saret mit-timbru dokument MB 1, timbru li jinsab fl-Ufficju tal-Immigrazzjoni gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija.

Illi l-kitba fl-*impression* tat-timbru f’pagna 40 tad-dokument EMC ma saritx minn WPC 29 D. Bonello. Il-kitba hija *simulation* tal-kitba w il-firma ta’ WPC 28 D. Bonello permezz ta’ *tracing* w ghaldaqstant kitba u firma falza.

Illi nhar t-tlieta w ghoxrin ta’ April 2007 **xehed Martin Bajada** [fol 76] fejn qal li kien minnu li hu setgha jiddentifika li l-kitba a fol 40 kienet simulata u dan permezz ta’ *magnification*. Qal li kien wara li ghamel dan l-ezami li wasal ghal konkluzzjoni li l-firma kienet simulta w ghalhekk wara li ghamel l-analizi bejn l-firma vera ta’ min suppost kitibha u dik li tidher fuq t-timbru ‘n kwistjoni. Qal li jekk bhala espert ma giex indikat lilu ta’ min suppost kienet dik l-firma, ma kienx jista jasal ghal din l-konkluzzjoni lanqas.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti ma jirrizultax, lanqas remotament, li kien l-imputat li ghamel dan t-timbru falz jew kitba falza li tinsab a fol 40 tal-passaport, jew li l-istess imputat ghamel uzu xjentement minn document falz, f’dan il-kaz passaport. Jirrizulta biss u dan kif jirrizulta kemm mix-xhieda tal-prosekuzzjoni, kif wkoll minn ezami tal-istqarrija tal-imputat esibita bhala dokument EMC 2 a fol 38 tal-atti, li l-imputat ghamel uzu mill-passaport tieghu wara li kien hallas sittin lira lil certu Egizzjan maghruf bhala Josef sabiex jottjenilu l-visa sabiex jghix hawn Malta. Minn imkien ma jirizulta li l-imputat ta xi struzzjonijiet lil dan Josef x’kellu jaghmel sabiex jottjenilu l-visa. Jirrizulta biss li nkarigah biex igiblu l-visa. Meta huwa gie mistoqsi a tempo vergine tal-investigazzjoni jekk kienx minnu li ghamel uzu minn timbru falz, hu cahad din l-allegazzjoni.

Illi fl-ewwel akkuza, dik naxxenti mill-artikolu 5 tal-Kap 61 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-prosekuzzjoni kellha tipprova li l-imputat kien jaf li t-timbru kien falz u dan ghaliex l-ligi wzat il-kliem li l-persuna tkun taf li ghamel uzu minn passaport falz w ghalhekk, peress li din x-xjenza ma gietx ippruvata, il-Qorti ma ssibx lil imputat hati ta’ din l-ewwel akkuza.

Dwar t-tieni akkuza, naxxenti mill-artikoli 172(1) u (2) tal-Kap 9 tal-Kodici Kriminali, il-prosekuzzjoni kellha wkoll tipprova li l-imputat xjentement ghamel uzu minn passaport li fih timbru falz. Illi ma giex ippruvat, lanqas remotament, li l-imputat ghamel dan. Illi l-element tax-xjenza huwa nieqes totalment.

Dwar t-tielet akkuza u cioe li l-imputat xjentement ghamel uzu minn dokument falz u cioe passaport, il-prosekuzzjoni ghal darb’ohra, ma ppruvatx x-xjenza rikjesta mill-ligi.

**Ghalhekk il-Qorti**, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 5 tal-Kap 61, l-artikoli 172(1)(2), 176 u 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li ma ssibx lil imputat IAKOB NORI hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------